**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI LL.D.**

**Illum : Il-Gimgha, 21 ta' Lulju 2017**

**Appell Nru: 592/2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Edel M. Camilleri)**

**vs**

**Joseph Axiaq**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkużi dedotti kontra Joseph Axiaq, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 48753G imputat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Nhar it-13 ta' Marzu 2016 għal ħabta tal-4.59 p.m u fil-ħinijiet ta' qabel fl-akkwati magħrufa bħala Santu Pietru limiti tal-Għarb-Għawdex u/jew fil-viċinanzi:

1. Ħa jew ipprova jieħu xi għasfur li huwa protett taħt ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġi (L.S.

549.42) mhux skont dawn ir-Regolamenti u mhux skont il-kondizzjonijiet ta' kull liċenzja mogħtija bi ksur tar-regolament (1)(a) L.S. 549.42;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi ħa jew pprova jieħu xi għasfur billi uża xbieki bi ksur tar-regolament 7(1)(e) tal-L.S. 549.42;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ħa jew ipprova jieħu xi għasfur meta ma kellux liċenzja adatta għal dik l-attivita' maħruġa lilu taħt ir-regolament dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi bi ksur ta' regolament 12(10) tal- L.S. 549.42

Il-Qorti ġiet mitluba li bis-saħħa tar-regolament 27 tal-A.L. 79 hekk kif emendat ( A.S. 549.42), barra li tagħti l-piena skont il-liġi, tissospendi jew tirrevoka kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal perjodu applikabbli.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-22 ta' Novembru 2016, li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 4(1)(a), 7(1)(e), 12(10) tal-L.S. 549.42, l-Artikolu 410(6), 637 u 638 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu multa komplessiva ta' tlett elef euro (€3000.00) u ordnat ukoll is-sospensjoni tal-liċenzji kollha tal-kaċċa u l-insib tal-imputat Joseph Axiaq għal żmien sentejn mid-data tas-sentenza.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Axiaq ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fis-6 ta' Diċembru, 2016, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull

ħtija u piena billi tirriduċi l-ammont tal-multa u l-perjodu tas-sospensjoni tal-liċenzji u permessi tiegħu.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**5.** Il-fatti allegati jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fiona James Burrows, tal-Committee Against Bird Slaughter, irraportat lill-pulizija Rabat, Għawdex li fit-13 ta' Marzu 2016 hi u żewġ voluntiera oħra kienu qiegħdin jiċċekkjaw għal positjiet ta' nsib bix-xbieki u fil-4.59 pm raw quddiemhom xbieki u semgħu bird caller tal-għasafar tal-għana u raw ukoll fuq il-post *finch decoy* ġo gaġġa. Osservaw ukoll raġel moħbi ġo arbuxxell u rawh jitbiegħed malajr minn fuq il-post appena rahom. Huma ma osservaw lil ħadd iżjed għalkemm kien hemm xi vetturi fl-inħawi. Burrows ikkonsenjat ukoll lill-pulizija DVD b'filmat ta' dak li raw fid-data msemmija. Sussegwentement il-pulizija ressqu lill-imputat il-Qorti akkużat kif ingħad.

**6.** L-aggravju tal-appellant Joseph Axiaq jikkonsisti sostanzjalment filli jsostni li l-ewwel Qorti qatt ma setgħat legalment u raġonevolment issibu ħati peress li l-akkużi ma ġewx suffiċjentement ippruvati sal-grad li trid il-liġi. Di fatti jirritjeni li fil-każ ma saret ebda identifikazzjoni pożittiva u konkreta tiegħu u mill-atti ma tirriżulta ebda prova illi turi li l-azzjonijiet tal-persuna in kwistjoni jinkwadraw f'wieħed jew aktar mir-reati addebitati lill-imputat. Ħassu aggravat ukoll mill-piena li jissottometti hi waħda manifestament gravuża u esaġerata u in kwantu tali inġusta għaliex ma tagħmilx tajjeb għall-każ.

**7.** L-aggravju ewlieni tal-appellant, għalhekk, jikkonsisti filli jsostni li l-apprezzament li għamlet tal-provi l-ewwel Qorti kien wieħed għal kollox żbaljat u ma setgħetx, fuq il-provi prodotti, legalment u raġonevolment issibu ħati. Fuq dan ix-xorta ta' aggravju l-ġurisprudenza ta' din il-Qorti

hija waħda għal kollox paċifika fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-ewwel Qorti jekk tasal għall-konkluzjoni li dik il-Qorti setgħet raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżercitata mill-ewwel Qorti iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx raġjonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk iżda din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġjonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni.

**8.** Fil-każ ta' llum il-fatti huma ben stabbiliti. Di fatti jirriżulta ampjament li fit-13 ta' Marzu 2016 persuna kienet fl-inħawi magħrufa bħala Santu Pietru fil-limiti tal-Għarb, Għawdex fejn kien hemm mansab u ġie allegat li ntużaw xbieki, *bird caller* u *finch decoy* ġo gaġġa biex jattiraw lill-għasafar. Meta din il-persuna jidher li lemħet lill-voluntiera tal-Committee Against Bird Slaughter telqet minn fuq il-post allegatament permezz ta' vettura. Barrows irraportat il-każ lill-pulizija permezz ta' ittra li baqgħet ma ġietx esibita u ġew konsenjati wkoll lill-pulizija DVD b'filmat ta' dak li ġara dakinhar u mapep tal-lokalita'. Il-kwistjoni kruċjali hi l-identita' ta' dik il-persuna li dehret fuq il-post u wara telqet minn fuq il-post u ċioe' ġiex pruvat mingħajr dubbju dettat mir-raġuni li dik il-persuna kienet l-appellant.

**9.** Barrows fix-xhieda tagħha bdiet biex tidentifika lill-imputat appellant bħala li kienet il-persuna li raw fuq il-post u kompliet tixhed li l-vettura li biha dik il-persuna telqet minn fuq il-post kellha n-numru ta' reġistrazzjoni IBC 864. Ix-xhud Barrows imbgħad żiedet li kienet qed tirrealizza li fl-istess ġurnata kellha żewġ każijiet u li fil-każ ta' llum in-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura kien SIM 031 u mhux IBC 864. Tal-aħħar kien jirrigwarda l-każ l-ieħor li fih ix-xhud Barrows ma kienetx

identifikat lill-persuna involuta, kif irrilevat l-ewwel Qorti[1]. Għalhekk meta x-xhud identifikat lill-imputat l-ewwel darba kienet qed tirreferi għall-każ li kien jikkonċerna l-vettura IBC 864 u ċioe' każ ieħor u mhux ta' llum. Kien hemm ukoll fuq il-post żewġ vetturi oħra bin-numru KBC 106 u CBG 946.

**10.** In kontroeżami rriżulta, iżda, li Burrows effettivament qatt ma rat b'liema vettura l-persuna telqet minn fuq il-post u di fatti fir-rapport li ssottomettiet lill-pulizija kitbet li "...when he saw us he quickly walked away from the trapping site. There was no one else in the area. He walked away and we did not see what vehicle he left in" [2].

**11.** Aktar tard fil-kontroeżami x-xhud qalet li hi kienet rat lill-imputat fuq il-post tal-insib li jindika li dak il-post kien tiegħu iżda meta għamlet ir-rapport tagħha lill-pulizija hija ma setgħetx tidentifikah b'ismu. Inoltre, x-xhud kompliet tixhed li kienet qed tagħraf lill-imputat appellant bħala l-persuna li kontra tagħha kienet xehedet fil-każ ta' qabel iżda meta għamlet ir-rapport lill-pulizija dan ma setghetx tikkonfermah. Tgħid li kkonfermat li dan kien il-każ meta rat iċ-ċitazzjoni li kien fiha l-istess isem tal-persuna li kontra tagħha kienet xehedet fil-każ ta' qabel. Id-difiża tipprova minn dan tinferixxi li x-xhud illum qed tgħid li qed tagħraf lill-imputat għaliex rat ismu fuq iċ-ċitazzjoni li kien jaqbel mal-isem tal-persuna li kien tressaq il-qorti fil-każ preċedenti. Iżda dak li qalet ix-xhud kien sempliċement li kienet taf li l-persuna li kienet qed tagħraf f'dawn il-proċeduri kienet l-istess persuna li kontra tagħha xehedet fil-każ preċedenti għax it-tnejn kellhom l-istess isem. Mistoqsija in rieżami hija reġgħet ikkonfermat li kienet qiegħdha tidentifika lill-imputat bħala l-persuna li hi kienet irrapportat dwarha lill-pulizija fil-każ ta' llum.

[1] Fol. 18
[2] Fol 15; fol 21

**12.** Fir-rapport ta' Burrows jissemmew tlett vetturi li kienu fuq il-post. Mill-verbal a fol. 3 tal-proċess jirriżulta li PS 428 Carmelo Debattista ddikjara li ebda waħda mill-vetturi ma hija tal-imputat. L-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha tgħid li waħda mill-vetturi hi reġistrata fuq iben l-attur. Dak li jirriżulta hu li l-vettura CBG946 hi reġistrata f'isema Jason Axiaq li joqgħod fl-istess indirizz fejn, skont iċ-ċitazzjoni, joqgħd l-imputat[3].

**13.** Il-Qorti eżaminat il-filmat li jidher fuq id-DVD konsenjat minn Barrows lill-Pulizija u li jinsab esibit fl-atti. Fil-film tidher persuna maskili b'kappell mdeffes f'rasha sa fuq għajnejha u liebes nuċċali tax-xemx skur b'arbuxxell li kien jostakola l-viżwali tal-fattizzi ta' wiċċu. Aktar tard dak li jidher huwa l-istess persuna jidher ukoll f'distanza aktar 'il bogħod b'daru lejn il-camera miexja lejn dura iżda f'mument minnhom għal xi sekondi jidher wiċċu lejn il-camera iżda bil-fiżjonomija ta' wiċċu xejn rikonoxibbli f'dik id-distanza. Għalhekk il-video ma jagħtix serħan il-moħħ li min ħa l-video seta jirrikonoxxi lill-persuna li kienet tidher fil-filmat. L-istess jista' jingħad għar-ritratti esibiti li juru l-istess affarijiet.

**14.** L-Ispettur Edel Mary Camilleri, msejħa in difeża, waqt l-eżami ġiet mistoqsija dwar dak li ddepona is-Surġent 1407 Frank Portelli fl-affidavit tiegħu meta qal li "Min investigazzjoni li saru irriżulta illi l-persuna kienet ċertu Joserph Axiaq" u hija wieġbet li PS 1407 kien ra magħha l-filmat u kien f'pożizzjoni li jagħraf lill-imputat u qallha "dan huwa Joseph Axiaq magħruf bħala ċ-champion". Dan PS 1407 ma jgħidux fl-affidavit tiegħu u anqas ġie prodott biex jixhed dwar din iċ-ċirkostanza.

**15.** L-imputat fl-istqarrija tiegħu, għalkemm mhux iffirmata, ċaħad li huwa kien il-persuna fuq il-post dakinhar tat-13 ta' Marzu 2016, stqarr li l-għalqa in kwistjoni ma kienetx tiegħu, wara li kkonferma li kien ra il-filmat u r-ritratti stqarr ukoll li l-persuna li tidher fihom ma kienx hu.

---

[3] Fol 29

**16.** Għalhekk l-uniku xhud prodott biex jidentifika lill-imputat hija effettivament Fiona Barrows li d-depożizzjoni tagħha, iżda, xejn ma tagħti affidament lill-identifikazzjoni tagħha tal-imputat. Bdiet biex tidentifika lill-imputat bħala l-persuna li rat fuq il-post u bħala l-persuna li saq minn fuq il-post fil-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IBC 864. Minnufih wara, iżda, rrealizzat li kienet qiegħda tħawwad il-każ ma ieħor preċedenti u issa qalet li l-vettura kienet bin-numru SIM031. Aktar tard reġgħet kkontradiċiet ruħha għaliex ikkonfermat li fil-fatt qatt ma rat il-vettura li biha telaq minn fuq il-post. Ta' min iżid li fir-rapport tagħha Barrows qatt ma qalet li rat lill-persuna in kwistjoni titlaq b'xi vettura iżda qalet biss li "He walked away" imbgħad żiedet li "and we did not see what vehicle he left in". Il-filmat li ġie prodott minn Barrows lill-pulizija ma jagħtix serħan il-moħħ li Barrows kienet f'pożizzjoni li tagħraf pożittivament lill-persuna li tidher fil-filmat. Is-surġent rapportat li għaraf lill-imputat mill-filmat ma ġiex prodott jixhed.

**17.** Ta' min iżid li fil-filmat, li huwa wieħed awdjoviżiv, ma jinstema' ebda *bird caller* u għalkemm tidher gaġġa waħda ma jidher fiha ebda għasfur jew *decoy*. Inoltre l-persuna li tidher fil-filmat ma tidhirx fid-dura fejn nassab soltu jistenna biex jaqleb ix-xbieki iżda jidher barra d-dura f'ċertu distanza minnha sakemm fl-aħħar imur lejn id-dura u jidher li telaq minn fuq il-post.

**18.** Fid-dawl tal-premess din il-Qorti hi tal-fehma li jirriżultaw dawk iċ-ċirkostanzi li trid il-ġurisprudenza sabiex din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament tal-provi tal-ewwel Qorti u l-konklużjoni minnha raġġunta. Konsegwentement ma hemmx ħtieġa li jiġu indirizzati l-kumplament tal-aggravji tiegħu.

**19.** L-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha tgħid li rriżultawlha diversi fatturi, ċirkustanzi u indizji li tħoss huma suffiċjenti biex jiġu ppruvati l-

akkużi dedotti kontra l-imputat. Dawn il-fatturi, ċirkustanzi u indizji ma ġewx artikolati mill-ewwel Qorti u għalhekk din il-Qorti ma hix f'pożizzjoni biex tevalwhom.

**20.** Il-Qorti tagħmilha ċara li tikkondividi pienament il-kliem iebes tal-ewwel Qorti dwar min jabbuża mil-liġijiet dwar kaċċa u nsib u dwar min jirrikorri għal kaċċa jew nsib illegali bi ħsara kbira għal sħabhom stess li jfittxu li jeżerċitaw id-delizzju tagħhom fil-parametri tal-liġi, apparti naturalment għall-ħsara evidenti u inestimabbli li ssir lill-għasafar li huma fost l-isbaħ u l-aktar vulnerabbli fost il-kreaturi li l-kampanja ta' pajjizna hi ferm nieqsa minnhom. Iżda dan jgħodd għal dawk li l-ħtija tagħhom tiġi pruvata skont il-liġi mingħajr dubbju dettat mir-raġun u din il-Qorti hi tal-fehma li dan ma hux il-każ hawnhekk.

Għall-motivi premessi l-Qorti tilqa' l-appell ta' Joseph Axiak u tħassar is-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.